# Ħares madwarek f'xatt il-baħar biex issalva frieħ tal-Garnija li jinqabdu fuq l-art

## BirdLife Malta tħeġġeġ lill-pubbliku jassisti frieħ tal-għasafar tal-baħar li jispiċċaw diżorjentati huma u jħallu l-bejta għall-ewwel darba

F'dan iż-żmien tas-sena, il-frieħ tal-Garnija jkunu qed iħallu l-bejtiet matul il-lejl u jħejju biex itiru minn fuq l-irdumijiet fejn ibejjet dan l-għasfur tal-baħar. Meta jasal il-mument opportun dawn itiru għall-ewwel darba mill-postijiet remoti fl-irdumijiet, u jużaw id-dawl tal-orizzont bħala gwida biex isibu triqithom 'il barra mill-kosta għal fuq il-baħar. Madanakollu, dwal qawwija mal-kosta jistgħu jiddiżorjentawhom u jżidu ċ-ċans li minflok fuq il-baħar dawn l-għasafar żgħar jispiċċaw itiru lejn l-art fejn jispiċċaw f'toroq, xtut, portijiet, bliet u rħula jew zoni oħra urbani. Ladarba jinqabdu fuq l-art dawn il-frieħ isibu diffikultà biex itiru lura lejn il-baħar – fejn iqattgħu l-parti l-kbira ta' ħajjithom – b'periklu saħanistra għall-eżistenza tagħhom.

F'Malta għandna 10% tal-popolazzjoni dinjija tal-Garnija li jammonta għal madwar 2,000 par minn dawn l-għasafar tal-baħar li jbejtu f'diversi siti mifruxin madwar il-Gżejjer Maltin. Minkejja f'dan, il-popolazzjoni globali ta' din l-ispeċi qed tonqos, b'wieħed mill-akbar perikli li jiffaċċjaw huwa t-tniġġis mid-dawl. Is-sorsi prinċipali ta' tniġġis mid-dawl għall-kolonji tal-Garnija li nsibu fil-Gżejjer ta' San Pawl, Kemmuna u l-Irdum tal-Madonna fl-Aħrax tal-Mellieħa (fejn hemm l-akbar kolonja tal-Garni f'Malta), huma postijiet bħal Buġibba, il-Qawra, il-Mellieħa, is-Salina u ċ-Ċirkewwa.

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta qed jaħdem biex inaqqas kemm jista' jkun l-impatt tat-tniġġis mid-dawl qrib dawn il-kolonji biex jiżgura l-ħarsien fit-tul ta' dan l-għasfur tal-baħar. Fl-aħħar snin kienet reġistrata żieda fin-numru ta' għasafar tal-baħar li ġew salvati wara li spiċċaw maqbudin fuq l-art, speċjalment fl-ewwel tliet snin tal-proġett. Din hija konsegwenza taż-żieda fid-dwal kaġun tal-iżvilupp, imma hija wkoll riżultat ta' żieda fil-kuxjenza fost il-pubbliku bis-saħħa tal-isforzi ta' BirdLife Malta f'dan ir-rigward. Huwa biss bl-assistenza tal-pubbliku li jirrapporta każi bħal dawn li BirdLife Malta tkun tista' ssalva l-frieħ tal-Garnija u teħlishom lura matul il-lejl sabiex ikunu jistgħu jkomplu bil-vjaġġ tagħhom fuq il-baħar mingħajr periklu.

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

Jekk tkun miexi tul xatt il-baħar jew mal-kosta ta' Buġibba, il-Qawra, il-Mellieħa, is-Salina, iċ-Ċirkewwa jew postijiet oħra bħal dawn tard billejl jew kmieni filgħodu u ssib xi ferħ ta' Garnija, jekk jogħġbok ċempel lil BirdLife Malta mill-ewwel u poġġi l-għasfur f'kaxxa tal-kartun f'post mudlam sakemm ikun jista' jinġabar. Il-ferħ m'għandux jingħata ikel jew ilma. BirdLife Malta mbagħad tiċċekkja l-istat li jkun fih l-għasfur qabel ma teħilsu f'post mingħajr periklu mill-aktar fis possibbli.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli:**

- Aqra aktar dwar din l-ispeċi u dwar il-proġett fuq is-sit elettroniku tagħna: http://birdlifemalta.org/arcipelagugarnija
- Ara l-*video* uffiċjali tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija: https://youtu.be/R_Z89Hx-Elw

**Nota lill-edituri:**

Kif tidentifika Garnija (*Puffinus yelkouan*, Yelkouan Shearwater)

- Għasfur ta' daqs medju
- Twil madwar 35ċm, b'fetħa tal-ġwienaħ ta' madwar 85ċm
- Munqar irqiq iswed, mgħawweġ fit-tarf
- Sewdieni fil-parti ta' fuq
- Abjad minn taħt

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/pPylsKXx7JY**

- Ferħ ta' Garnija li kien maqbud fuq l-art qed jinħeles mill-ġdid wara li ġie salvat minn BirdLife Malta (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Veerle van Werde)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/L4tFIWP2bU**

1. Tniġġis mid-dawl ta' Buġibba kif jidher mill-Gżejjer ta' San Pawl fejn tbejjet kolonja ta' Garni (Ritratt ta' Paulo Lago)
2. Ferħ ta' Garnija (Ritratt ta' Benjamin Metzger)
3. Kemmunett – kolonja tal-Garnija li tinsab mhedda mit-tniġġis tad-dawl li ġej mit-terminal tal-vapuri fiċ-Ċirkewwa (Ritratt ta' Martin Austad)


Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB